MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 1568/1997/1

**Louis u Maria konjugi Saliba u Michael Bugeja**

**vs**

**Salvatore u Josephine konjugi Meli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attrici s-somma ta’ tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350) prezz ta‘ xoghol ta’ tibjid u tikhil minnhom maghmul fuq inkarigu taghhom, fil-fond numru tmienja u tmenin (88), Triq Guze’ Ellul Mercer, Dingli.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsulti (Lm10), tal-ittra interpellatorja datata 3 ta‘ Gunju, 1997, tal-ittra ufficjali datata 24 ta’ Gunju 1997 u bl-interessi mid-data tal-ittra

ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti li biha eccepew (a fol 4 tal-atti):

1. Fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi m'hemm ebda relazzjoni giuridika ma' l-attur Michael Bugeja stante illi huma qatt ma kkontrattaw mieghu;

3. Fit-tielet lok u ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad ukoll illi x-xogholijiet ta' tibjid u tikhil illi l-atturi qed jghidu illi ghamlu ma sarux skond is-sengha u l-arti, kien hemm diversi difetti u nofs xoghol maghmul u fil-fatt kellhom jergghu isiru x-xogholijiet mill-gdid minn terzi persuni, kollox kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher minn fol 11 sa fol 16 tal-istess atti, <u>l-atturi</u>, permezz ta' zewg "affidavits" ikkonfermaw illi l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut lilhom mill-konvenuti u dan in konnessjoni ma xoghol ta' tikhil u tibjid esegwit fir-residenza tal-istess konvenuti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fil-mori tal-istess kawza, miet il-konvenut (ara fol 25 tal-atti). In rigward dan kien gie intavolat mill-atturi r-rikors a fol 26 ibid sabiex il-gudizzju jigi trasfuz "fil-persuna tal-

konvenuta gia personalment u gia bhala legittima rappresentant tat-tfal minuri taghhom” imsemmija fl-istess rikors. Pero dan ir-rikors ma setax jigi dekretat peress li kienet saret rinunzja ghall-wirt tal-istess konvenut mejjet (ara fol 27 u 30 tal-atti).

Illi, sussegwentement, kif jidher a fol 33 u fol 34 tal-istess atti, l-attur ippresentaw <u>kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta wahedha</u>. Fis-seduta successiva (fol 36 tal-istess atti) l-istess konvenuta ingunta ghas-subizzjoni ma kienetx dehret (ara ukoll fol 38 ibid).

Illi, ghalhekk dan l-kaz kien gie differit ghas-sentenza ghas-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2002. Pero ma gietx prolatata din is-sentenza minhabba r-rikors presentat mill-konvenuta li jinsab a fol 39 ibid. In rigward dan jinghad li, xorta wahda, kif jidher mill-verbal tas-seduta ta-2 ta’ Ottubru 2002, il-konvenuta ma kienetx dehret sabiex hi tixhed.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a basi tax-xhieda tal-atturi, tal-kapitolu presentat ghas-subizzjoni tal-konvenuta u ta’ dak kollu premess, jidher li t-talba attrici ghandha tigi akkolta fil-konfront tal-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fil-konfront tal-mejjet Salvatore Meli, tilqa t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta Josephine Meli u tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ Lm350.00,0 bl-interessi legali mill-24 ta’ Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta‘ Gunju 1997 u ta‘ dik uficjali tal-24 ta’ Gunju 1997.

--------------------------------TMIEM--------------------------------